TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

**Talba Nru: CCT49/23/DS**

**Adrian u Kylie Borg**

**Vs**

**Pinkishline Wedding Services Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentaw fis-17 ta' Marzu, 2023 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata tħallashom elf u ħames mitt Ewro (€1500) f'danni minħabba illi huma kienu daħlu f'kuntratt sabiex fost affarijiet oħra s-soċjeta' intimata ttiħom servizz ta' fotografija u video fil-ġurnata tat-tieġ u tipprovdihom bir-ritratti u l-video tal-imsemmija ġurnata u huma għadhom mingħajr l-imsemmija video u ritratti għalkemm imwiegħdin li ser jingħataw l-istess kemm -il darba.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-atturi għamlu kuntratt mas-soċjeta' intimata Pinkishline Wedding Services Ltd. fis-27 ta' Marzu, 2018 biex fost affarijiet oħra s-soċjeta' intimata ttiħom servizz ta' fotografija u video fil-ġurnata tat-tieġ. Għalkemm jidher illi kien hemm xi dewmien minn naħa tal-atturi biex jagħżlu r-ritratti dawn eventwalment għażluhom u stennew lis-soċjeta' intimata tipprovdihom bl-album illi pero' baqa' ma wasalx. Kien hemm ukoll il-video tal-ġurnata tat-tieġ illi baqa' ma ġiex mgħoti lilhom.

Dan it-Tribunal jinnota illi fil-kuntratt ta' bejnet il-partijiet hemm speċifikament imniżżel illi "*Pinkish Line Wedding Services shall be held liable for any work not delivered within one (1) year from the date when the order sheet is recieved- whether this is received online or at the office.*" fi klawsola 4.2 tal-imsemmi kuntratt.

Klawsola 5.4 tgħid ukoll illi "*Pinkish Line Wedding Services Ltd. binds itself to prepare the work wihin four (4) to (6) months from the date of order, provided that the client respects the dates stipulated by Pinkish Line*". U Klawsola 5.5 tgħid illi jekk is-soċjeta intimata "*does not meet the date agreed, it will provide the client with €100 compensation*".

Jidher biċ-ċar illi kien hemm ħlasijiet li saru bħala parti mill-ħlas dovut mill-atturi qabel ma sar ix-xogħol u ħlas ulterjuri li kien imissu jsir wara illi l-video u l-album tat-tieġ jiġu mgħoddijin lilhom.

Illi l-atturi qiegħdin jitolbu l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bħala rifużjoni ta' 50% tal-ammont imħallas peress illi s-soċjeta' intimata ma żammetx ma dak pattwit.

L-atturi jgħidu pero' illi jekk jingħata lilhom l-album tat-tieġ lest u l-video huma lesti illi ma jitolbux l-imsemmi ammont għaliex il-preferenza tagħhom dejjem tibqa' li jkollhom l-album u l-video.

Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi it-talba tal-atturi hija primarjament waħda għall-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) f'danni materjali illi tenut kont ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturidan it-Tribunal iħoss illi hija somma ġustifikata.
Dan it-Tribunal jinnota illi ma saret l-ebda talba ulterjuri għall-mitt Ewro (€100) kumpens skont il-klawsola 5.4 w'għaldaqstant ma jistgħax jieħu deċiżjoni dwarha.

Dan it-Tribunal pero' jħoss illi l-aġir tas-soċjeta' intimata huwa wieħed irresponsabbli għall-aħħar għaliex dawn it-tifkiriet huma uniċi għall-din il-koppja. Dan kien mument illi ma jista' bl-ebda mod jiġi riprodott w'għaldaqstant id-dannu morali huwa wieħed għoli għaliex irid jirrispekkja l-irreparabilita' tad-dannu rekat jekk kemm -il darba din il-koppja ma tingħatax l-album u l-video rikjesti.

Illi dan it-Tribunal ra illi f'email mibgħuta lill-MCCAA u riprodotta f'email li l-istess MCCAA baghtet lill-atturi bħala *update* tas-sitwazzjoni Pinkishline Wedding Services Ltd. fit-12 ta' Diċembru, 2022, id-dirigent tas-soċjeta' intimata, Conrad Axisa, ammetta illi "*I offered to do the album, but I never agreed to do it in 6 months*" pero' aktar tard jgħid illi minħabba illi kien ikkupjat f'email Roderick Cachia meta l-partijiet kellhom akkordju li sa l-aħħar ta' Awwissu 2018 kien ser ikun responsabbli hu (Cachia) huwa kien issa qiegħed jirrifjuta li jagħmel l-album sabiex ma jistultifikax in-negozjati li kienu għaddejjin bejnet l-avukati billi jagħmel xogħol illi ma kienx dovut jagħmel.

Illi dan it-Tribunal iħoss pero' illi t-tilwim u n-negozjati li huma għaddejjin bejn terzi m'għandhomx jaffetwaw lill-atturi li jafu lis-soċjeta' intimata irrispettivament minn min huma d-dirigenti tagħha bħala dik illi għandha tipprovdilhom il-prodott finali skont dak illi kien pattwit. Issa jekk kien hemm wiegħda illi dan l-album kien ser jinħadem, ma jistgħax wieħed jerġgħa jmur lura minn kelmtu minħabba sitwazzjonijiet estranei għall-atturi. Rigward iż-żmien ta' sitt xhur, stante ċ-ċirkustanzi dan it-Tribunal ma jħossx illi kien wieħed irraggjonevoli.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaq il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1500) f'danni materjali jekk fi żmien tlett xhur minn mindu din il-kawża tgħaddi in ġudikat is-soċjeta' intimata ma tkunx għaddiet lir-rikorrenti kemm ir-ritratti kif ukoll il-video tat-tieġ kif originarjament pattwit. Jekk is-soċjeta' intimata tgħaddi lir-rikorrenti il-video biss jew ir-ritratti biss fiż-żmien stipulat u mhux it-tnejn, l-ammont jonqos għal sebgħa mija u ħamsin Ewro (€750).

Addizzjonalment bħala danni morali għall-ħsara, deni, anżjeta' u inkonvenjenza li s-soċjeta' intimata kkważat lir-rikorrenti dan it-Tribunal qiegħed jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) jekk fi żmien tlett xhur minn mindu din il-kawża tgħaddi in ġudikat is-soċjeta' intimata ma tkunx għaddiet lir-rikorrenti kemm ir-ritratti kif ukoll il-video tat-tieġ kif originarjament pattwit b'dana illi tali somma tinżel mitt Ewro (€100) jekk is-soċjeta' intimata tgħaddi lir-rikorrenti kemm il-video kif ukoll ir-ritratti kif originarjament pattwit fil-perjodu msemmi ta' tlett xhur u għal mitejn Ewro (€200) jekk is-soċjeta' intimata tgħaddi lir-rikorrenti il-video biss jew ir-ritratti biss fiż-żmien stipulat u mhux it-tnejn.

Bl-ispejjes u l-imgħaxijiet kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**